# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 8 ta' Marzu 2022**

**Rikors Kostituzzjonali Nru. 218/2019 GM**

**81 & 82 Limited (C55435)**

**vs**

1. **L-Avukat Ġenerali**
2. **Mario Tabone (KI 440753M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors a tenur tal-Art. 235 Kap 12.
Rat ir-risposta.

Ikkunsidrat:

It-talba hija sabiex tiġi milqugħa l-ħames talba tar-rikors promotur li l-Qorti fil-parti deċiżiva tas-sentenza **espressament astjeniet** milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Kif irrimarkat din il-Qorti, diversament ippreseduta[1], "kif jidher mill-kliem espress ta' din id-disposizzjoni (l-Art. 235) l-liġi qed tippressuponi illi l-Qorti **bi żvista**[2] naqset li tippronunzja ruħha fuq xi waħda mit-talbiet". L-istess Qorti kompliet tgħid li meta astjeniet il-Qorti kienet "effettivament iddeċidiet it-talba. L-astensjoni tal-Qorti f'dak il-każ mhix sinonima għat-tħollija barra tat-talba".

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara r-rikors irritwali u tiċħad it-talba. Spejjeż a kariku tas-soċjeta` rikorrenti.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA

[1] *Josephine Bonello v John Bonello 31.012003 Prim'Awla, per Onor. Imħ. Philip Sciberras.*
[2] *Enfasi miżjuda minn din il-Qorti.*